# Rapport Ġenerali fuq il-Karti tal-Eżamijiet ta' Frar 2012 – Il-Ħames Sena

Ta' kull sena, aħna l-Kapijiet tad-Dipartiment qed nintalbu nagħtu titwila tajba 'l-karti tal-eżamijiet ta' xi sena partikulari. Jintgħażlu tliet skejjel bix-xorti – kull sena differenti – u noħorġu rapport individwali bil-miktub fuq dawn it-tliet karti. Imbagħad nagħtu ħarsa 'l-karti tal-iskejjel kollha u noħorġu rapport ġenerali.

L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li filwaqt li naraw li qed jinżamm livell tajjeb fit-tfassil tal-karti tal-eżamijiet, naraw liema tfassil hu tajjeb u nirrakkomandawh u fl-istess ħin nuru x'kienu n-nuqqasijiet ta' xi wħud mill-karti biex ma jirrepetux ruħhom.

Matul is-sena skolastika 2012-2013 se nduru l-iskejjel kollha u nagħtu rispons lil kull għalliem tal-ħames sena dwar il-karta li fassal jew fasslet. B'dan il-mod naċċertaw ruħna li l-osservazzjonijiet tagħna jkunu waslu għand kulħadd. Fl-istess waqt se nerġgħu nanalizzaw il-karti tal-ħames sena biex in-nuqqasijiet li dehru fil-karta ta' Frar 2012 ma jerġgħux ikunu repetuti fi Frar 2013.

Tajjeb ngħidu li rajna diversi karti bi tfassil tajjeb u ta' min jirrakkomandahom. Sfortunatament rajna karti li juru nuqqas u dan żgur li ma jistax jibqa' għaddej minn sena għal oħra.

Ilkoll taqblu li l-karta tal-eżami tal-ħames sena għandha sservi ta' taħriġ tajjeb għal qabel l-eżami taċ-ĊES. Għaldaqstant il-karta tal-*mock*, kif inħobbu nirreferu għaliha aħna, għandha tkun, kemm jista' jkun, mera tal-karta taċ-ĊES. Sfortunatament dan mhuwiex il-każ f'xi wħud mill-karti li rajna. Għalhekk hawn taħt se ssibu l-punti dwar kif għandu jkun it-taħriġ f'kull komponent tal-karta, kemm l-ewwel u kemm it-tieni karta, u se taraw liema huma n-nuqqasijiet li sibna fil-karti li rajna.

## L-Ewwel Karta – *Il-Lingwa*

**Il-ħin – siegħa u tliet kwarti**

L-ewwel karta għandha tkun twila siegħa u tliet kwarti. Il-maġġoranza tal-iskejjel iżommu ma' dan il-ħin. Imma sibna karti li jtawlu sagħtejn jew siegħa u nofs. L-eżami mhuwiex twil sagħtejn għax kwarta minnhom qed tittieħed għall-Oral li hu komponiment importanti u parti mill-ewwel karta. Għalhekk aħna nemmnu li l-karta li nfasslu aħna għandha tkun siegħa u tliet kwarti u kwarta għall-Oral.

Mill-karti li rajna:

| Nru ta' skejjel | Siegħa u tliet kwarti | Sagħtejn | Siegħa u nofs |
|---|---|---|---|
| **18** | 12 | 5 | 1 |

**It-tqassim tal-karta**

Nissuġġerixxu li t-tqassim ikun eżatt bħall-karta taċ-ĊES biex hekk l-istudenti jkunu għamlu karta waħda bl-istess tip ta' kundizzjoni ta' eżami u b'dan il-mod l-istudenti jħossuhom familjari fl-eżami ta' Mejju. Sibna karti li kienu jitolbu li t-tweġibiet jinkitbu fuq il-karta stess.

Dan il-metodu hu aktar faċli għall-għalliem biex jikkoreġi. Imma għall-istudent dan mhux tajjeb. L-istudent irid jaħdem karta li fid-dehra tagħha hija l-istess bħal taċ-ĊES.

**L-ewwel taqsima - Il-kitba tal-komponiment**
Dan il-komponent sibnieh fil-karti kollha bl-ammont ta' 25 marka kif suppost barra skola waħda fejn sibnieh b'40 marka. Aħna konna ssuġġerejna li jingħataw erba' titli bħall-karta taċ-ĊES. Il-maġġoranza hekk għamlu.

| Nru ta' skejjel | 4 titli | 5 titli | jew aktar |
|---|---|---|---|
| 18 | 12 | 5 | 1 |

L-għażla fit-tip ta' titli li ngħataw kienet tajba. L-għalliema qagħdu attenti li fl-għażla jinkludu kitba argumentattiva, kitba deskrittiva, kitba espożitorja u kitba narrattiva, għalkemm sibna xi skola li tat titli ftit astratti u oħra li tat aktar minn titlu argumentattiv wieħed.

**It-tieni taqsima - It-taħriġ il-fehem**
**Trid tkun adattata b'mistoqsijiet oriġinali u mhux issibu taħriġ il-fehem lest minn xi ktieb, rivista jew karta oħra tal-eżami taċ-ĊES tas-snin li għaddew!**

Dan il-komponent sibnieh fil-karti kollha. Iżda l-akbar nuqqas jinsab proprju f'dan it-taħriġ. **It-taħriġ il-fehem ma jistax ikun ikkupjat minn xi ktieb jew minn xi rivista u lanqas minn karti taċ-ĊES tas-snin tal-imgħoddi.** Kien hemm erba' skejjel fejn min fassal il-karta, sab taħriġ il-fehem lest, bil-mistoqsijiet b'kollox u ppreżentaha fil-karta tal-eżami. Dan hu nuqqas kbir li aħna ma nistennewhx. X'garanzija għandna li l-istudenti li qed jagħmlu dik il-karta, qatt ma ħadmu dak it-taħriġ il-fehem? Aħna ngħixu f'pajjiż żgħir u nuqqas bħal dan faċilment jista' joħroġ fid-deher. Għalhekk għandna noqogħdu attenti lkoll biex inżommu l-professjonalità tagħna. Tikkupjawx taħriġ il-fehem li jkun lest, ikun fejn ikun. Fittxu artikli minn gazzetti, minn rivisti, minn kotba u adattaw is-silta intom u oħolqu l-mistoqsijiet intom.

Is-silta tat-taħriġ il-fehem ma tistax tkun narrattiva jew letterarja.

| | |
|---|---|
| ĊES Settembru 2012 | Kitba fuq l-inċidenti fuq il-baħar u l-ħarsien tal-liġi fuq ix-xtajtiet. |
| ĊES Mejju 2012 | Kitba fuq il-ħin ħieles. |
| ĊES Settembru 2011 | Kitba deskrittiva fuq l-attività fil-port fl-imgħoddi. |
| ĊES Mejju 2011 | Kitba deskrittiva fuq il-pontijiet. |

Is-silta trid tkun twila madwar 400 kelma. Sibna siltiet li kienu madwar 250 kelma u 300 kelma u oħrajn li jaqbżu sew l-450 kelma. Nixtiequ naraw uniformità u nitolbukom tagħtu silta ta' 400 kelma.

Mhux kulħadd kiteb minn fejn ittieħdet is-silta. Hu xieraq li dan jitniżżel ukoll.

Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' xeħta referenzjali u inferenzjali. Jekk ikun hemm iżjed mistoqsijiet referenzjali jfisser li l-livell tat-taħriġ huwa faċli.

Nissuġġerixxu li nżommu mal-istess numru ta' mistoqsijiet bħal taċ-ĊES, jiġifieri 6. Kien hemm min ta 8 u kien hemm min ta 5. Il-maġġoranza taw 6 kif suppost.

Dan l-istħarriġ sar fuq 18-il skola.

| Mistoqsijiet | 10 | 9 | 7 | 6 | 5 | 8 | 1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Skejjel | 1 | 1 | 1 | 9 | 4 | 1 | 1 |

**L-għarfien tal-lingwa**
Dan il-komponent sibnieh fil-karti kollha. Kien hemm xi varjazzjonijiet żgħar imma kulħadd għaraf l-importanza tiegħu. Interessanti ninnutaw li fiċ-ĊES ta' Mejju 2012 u Settembru 2012, dan il-komponent ingħata 12-il marka mhux 16 filwaqt li l-grammatika żdiedet minn 14 għal 18.

**Il-grammatika**
Dan il-komponent sibnieh ukoll fil-karti kollha. Il-maġġoranza tal-karti taw 14-il marka għall-grammatika filwaqt li oħrajn żiedu għal 20 marka. Aħna nissuġġerixxu li għal Frar 2013 nimxu mal-aħħar żewġ karti taċ-ĊES, jiġifieri nagħtu 18-il marka ... bi 18-il *item* jew ftit inqas. Żgur m'għandux ikun li jingħataw 7 *items* biss u jingħataw 14-il marka għalihom.

**L-aspett simboliku**
Il-maġġoranza fasslu dan il-komponent l-istess bħaċ-ĊES. Imma kien hemm uħud li jew ħaffu jew taqqlu aktar milli suppost. Sibna karta li injorat dan l-aspett għalkollox.

Kien hemm karta fejn l-istudenti kellhom jaħdmu d-doppju għal 8 marki. Jiġifieri riedu jiktbu 4 sentenzi bl-idjoma biex joħorġu t-tifsira u riedu jagħtu t-tifsira ta' 4 iqwiel. Ma nistgħux nifhmu x'kien l-iskop. Kien hemm skola li tat 6 marki biss lil din it-taqsima.

Min-naħa l-oħra sibna karta fejn ingħatat l-idjoma u l-istudenti riedu jimmarkaw it-tifsira t-tajba mill-għażla multipla li kien hemm u jkomplu l-qwiel billi jniżżlu l-kliem fil-biċċiet nieqsa.

Importanti li dan l-eżerċizzju jinżamm ibbilanċjat. Żewġ sentenzi bl-idjoma fihom u jagħtu t-tifsira ta' 2 iqwiel. La żejjed u lanqas nieqes.

**It-tielet taqsima - Il-kitba komunikattiva**
F'din it-taqsima kulħadd, barra skola waħda, ta għażla bejn żewġ tipi ta' kitbiet ta' mitt kelma, għalkemm sibna skola li ħalliet barra għalkollox dan l-aspett.

Għal min ta t-taqsira – importanti li s-silta ma tkunx qasira żżejjed. Sibna min ta silta ta' 200 kelma biex iqassarha f'mitt kelma. Fiċ-ĊES tingħata silta ta' madwar 300 kelma. Lanqas mhu sew li nagħtu silta li ħarġet f'karta taċ-ĊES fis-snin li għaddew.

## It-Tieni Karta – *Il-Letteratura*

Bi pjaċir innutajna li kull skola barra waħda tat it-tieni karta tal-letteratura. Fil-maġġoranza tagħhom il-karti għandhom tqassim xieraq u livell tajjeb.

Innutajna dawn iż-żewġ nuqqasijiet ewlenin:

1. Kien hemm xi tnejn li fasslu l-karta b'tali mod li t-tweġibiet tal-istudenti jinkitbu direttament fuq il-karta. Dan aħna ma nissuġġeruhx għax b'dan il-mod l-istudenti xorta mhumiex jiffamiljarizzaw ruħhom biżżejjed mal-karta taċ-ĊES. Dan hu l-uniku eżami, bl-istess kundizzjonjonijiet taċ-ĊES, mela allura nagħtu karta bl-istess tqassim u dehra taċ-ĊES.

2. Ħafna mill-għalliema jagħtu żewġ karti fi ħdan il-letteratura stess, jiġifieri Karta A u Karta B. Il-mistoqsijiet ikunu differenti eżatt bħal taċ-ĊES. Imma hemm dawk il-ftit li jagħtu karta waħda bla distinzjoni bejn Karta A u Karta B, bl-istess mistoqsijiet tar-referenzi għall-kuntest. Imbagħad fil-komponiment letterarju, jagħtu istruzzjoni li min se jagħmel Karta A jikteb 400 kelma u min se jagħmel Karta B jikteb 200 kelma. Dan m'għandux ikun. Id-differenza f'Karta A u B mhijiex sempliċiment it-tul. Għal ftit sforz ieħor nispiċċaw inwaqqgħu x-xogħol tajjeb li nkunu qed nagħmlu.

Irridu noqogħdu attenti li meta nagħtu l-għażla bejn żewġ referenzi għall-kuntest, l-għażla tkun ekwa. Mela jekk fl-ewwel mistoqsija taż-żewġ referenzi, tkun biex jagħtu l-ħsieb, iż-żewġ mistoqsijiet iridu jġorru l-istess marki. Sibna karti fejn waħda jkollha 3 marki u l-oħra jkollha 4. Forsi tistaqsu x'differenza se tagħmel? Min jagħżel tat-3 marki jkun qed jagħti l-istess impenn imma jieħu marka inqas u fl-eżami kull marka tgħodd.

It-tip ta' mistoqsijiet fiż-żewġ referenzi għandhom ikunu, kemm jista' jkun, l-istess; biex l-għażla tkun ekwa.

Innotajna mbagħad li f'xi karti, li taw Karta A u Karta B, il-mistoqsijiet tar-referenzi jkunu eżatt l-istess bħal ta' Karta A ħlief għal xi waħda biss. Jekk se nagħtu żewġ karti, kif hekk għandu jkun, naċċertaw ruħna li d-distinzjoni ma tkunx biss kożmetika imma waħda li verament tagħmel ġustizzja ma' min għażel Karta B.

## Konklużjoni

Fl-iskejjel tal-Knisja għandna l-awtonomija. Kulħadd jieħu gost biha u niftaħru biha għax hija xi ħaġa li lilna l-għalliema ttina l-libertà li nimirħu bil-professjonalità tagħna. Iżda fl-istess ħin din l-awtonomija li aħna ngawdu titfa' fuqna responsabbiltà akbar għax dan ifisser li t-tfassil tal-karti tal-eżamijiet li nagħmlu aħna stess irid ikun ta' kwalità għolja. B'dan il-mod biss ikollna l-kuxjenza mistrieħa li l-istudenti tagħna qed jitħarrġu tajjeb biżżejjed u jħossuhom preparati tajjeb għall-eżami pubbliku li jagħmlu mal-bqija tal-istudenti minn setturi oħra. Għaldaqstant fi ħdan l-awtonomija għandu jkun hemm linja komuni bejn l-iskejjel tagħna biex naċċertaw ruħna li qed nimxu fit-triq it-tajba, inħaddmu fid-deher il-professjonalità tagħna u nkomplu nuru li l-awtonomija hija tajba għall-benefiċċju tal-istudenti li jattendu l-iskejjel tagħna.

Phyllis Debono – Claire Zerafa
Kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti
Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika
http://maltikurja.wordpress.com/